**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Frar 2024**

**Rikors Guramentat numru ; 144 /2023 AGV**

**MC**

**Vs**

**MG**

**Il-Qorti,**

**Rat ir- Rikors Guramentat taì MC datat 15 taì Gunju 2023;**

**Tesponi bir-rispett:**

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni mal-intimat ghal sentejn u minn din r-relazzjoni twieldet tifla ZAG li illum ghandha 7 sebaì snin;

2. Illi ir-relazzjoni taì bejn il-partijiet intemmet madwar sitt snin ilu u l-intimat ikkontrobixxa biss mitt euro fix-xahar ghal-ewwel sentejn u ghalhekk ilu aktar minn tlett snin ma jikkontrobixxi xejn ghal manteiment ta bintu;

3. Illi l-esponenti tghix fidar tal-Awtorita tad-Djar u ghadha zewg itfal ohra jghixu maghha li mìhumiex ulied il-konvenut kif ukoll missierha;

4. Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat jhallas manteniment ghal bintu huwa baqa inadepjamenti ansi biex jiggustifika li ma jghatix manteniment lil bintu hedded li li jrid jaghmel DNA test haga li l-esponenti mìopponitx ghalh basta li jhallasha hu;

5. Illi minkejja hekk hu xorta ma ghamilx xejn biex fil-fatt jaghmeldan DNA test u nel fratemp mhux jhallas ebda manteniment;

6. Illi bint il-partijiet ghadha problemi fizici peress li hi twieldet minghajr koxxa u fil-fatt ghadha sieq iqsar mill-ohra u kellha taghmel diversi operazzjonijiet anke barra Minn Malta u fil-fatt ghadha prostisis. Dan il-Prostisis jrid jinbidel kull xahrejn/ tlieta u ghalhekk tirrikjedi attenzjoni medika spiss kif ukoll zraben specjali li jinbidlu kull darba li jibidlulha l-prostisis kif ukoll nappies mal-lejn;

7. Illi bint il-partijiet fill-fatt tigi segwitha kull sitt xhur mill psikologa sabiex tghina tkampa mal-problemi fizici taghha u fil-fatt il-professjonijsti

irrakmandaw illi taghmel sports kif ukoll modeling kemm biex timxi ahjar kif ukoll minhabba s-self confidence tal-minuri;

8. Illi l-konvenut qatt ma ikkontrbwixxa ghal manteniment sa minn 3 snin ilu u qabel bìmod misera, ghalhekk l-esponenti qieghda titlob ukoll sabiex tinghata arretrati taì manteniment;

9. Illi apparti li ma jikkontrobwixxix ghal manteniment taì bintu l-konvenut lanqas biss jzomm kuntatt mat-tifla anzi jaghmillha l-hsara psikologika ghax thossha li giet abbandunata mminn missierha specjalment ghax fìzewg okkazzjonijiet ricenti meta kumbinazzjoni l-konvenut iltaqaì mat-tifla fìpost pubbliku flok kellimha dawrilha wiccu haga li weghetha hafna u tkompli tkisser il-kunfidenza taì din it-tifla ;

10. It-tifla kellha bzonn operazzjoni ohra fìNovembru 2022 u l-esponenti pprova tinforma lil konvenut tramite huh CG u minkejja li kien gie infurmat lanqas biss ma kien mar jaraha l-isptar, u fil-fatt l-unika dokument li iffirma kellha ssir waqt il-medjazzjoni.

11. Illi minhabba l-attitudni tal-konvenut hemm bzonn li l-ispejjes tas-sahha u edukazzjoni jigu inkorporati mal-manteniment ghax jekk dan ma jkunx il-kaz zgur li l-konvenut ma jhallasha ebda ammont;

Ghaldaqstant l-sponeti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tafda u takkorda l-kura u l-kustdoja tal-minuri ZAG fìidejn ir-rikorrenti ommhom bìmod eskulssiv , bìtali mod illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha ,edukazzjoni, religjon, trobbija , safar tal-minuri u bìmod generali

kull decizjoni ohra rigwardanti l-imsemmija minuri sia ordinjarja kif ukoll starordinarja ghandha tittiehed mir-rikorrenti ommha MC wehedha minghajr il-bzonn tal-firma jew kunsens tal-awtorizazzjoni tal-intimat u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

2. Tordna illi r-residenza ordinajra u abitwali tal-minuri ZAG ghandha tkun maì ommha ir-rikorrenti MC gewwwa Malta almenu sakemm l-istess minnuri taghlaq l-etaì taì tmintax -il sena;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex wehida tapplika u tottjeni l-hrug taì passaport ghal-minuri ZAG u dana minghajr ma jkollha bzonn il-firma u/jew il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-intimat u minghajr htiega taì awtorizazzjoni mill-Qorti kompetenti;

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat taì manteniment li ghandu jithallas mill-intimat ghal-minuri ZAG u tordna ukoll illi l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni ghandhom jigi inkomprati fil-manteniment li jithallas kull xahar stante li altrimenti zgur mhux ser jithallsu liema manteniment u spejjes jibqghu hekk pagabbli sakemm l-imsemmija minuri tkun indipendenti li tahdem anke wara l-etaì taì tmintax-il sena minhabba fid-dizabilitaì taghha;

5. Tordna li dawn l-manteniment hekk ordnat jigu mnaqsa direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-intimt u jigi depozitati fikont bankarju indikat mir-rikorrenti u tipprovvdi dawk il-modalitajiet taì kif l-istess manteniment ghandu jigi rivedut u jawmwnta kull sena sabiex jirrifletti z-zieda tal-gholi tal-hajjaa;

6. Tordna lil-intimat jhallas dan il-manteniment u semhu mill-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni hekk likwidata jigi inkluz mal-manteniment u dan stante li l-intimat mhux persuna affidabbli in kwantu jezizti riskju serju li l-intimat ma jhallasx dak minnu dovut ghat-tifla s-sapport l-fatti li ma jzommmx kuntatt la mar-rikorrenti u aghar minn hekk lanqas mat-tifla taghmilha ferm difficli jek mhux impossbli li tezegwixxi kontrih;

7. Tordna li kwalsiasi beneficcju tal-istat pagabbli ghall-minuri ZAG ghabdu jkun percepit esklussivament mir-rikorrenti MC;

8. Tiddikjara lil-intimat ghandu jhallas l-arretrati taì manteniment ghall tlett snin minn qabel ma infethet il-medjazzjoni jew dik id-data li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

U dan taht kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat l-atti tal-medjazzjoni 1380/22 annessi mal-process taì din il-kawza.

Rat li l-intimat ma ppresentax risposta guramentata entro t-terminu skond il-ligi, u ghalhekk kien iddikjarat kontumaci.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talbiet dwar tifla minuri, ZAG , u l-bzonn li jigi regolat il-kura w kustodja taghha bejn il-genituri u l-manteniment ghat-trobbija taghha. Kif giaì indikat, il-konvenut huwa kontumaci fìdawn il-proceduri, u ghalhekk il-Qorti ghandha l-verzjoni taì fatti kif esposti mill-attrici, liema verzjoni ma gietx kontradetta jew kontestata. Il-Qorti xorta jkollha tesamina l-provi prodotti biex tasal ghall-konkluzjoni taghha, izda huwa indikattiv fer milli l-konvenut naqas milli jippartecipa fìproceduri illi ser jirregolaw il-benessere taì bintu minorenni. Illum it-tifla tghodd 8 snin.

Fl-affidavit taghha l-attrici tghid li l-partijiet kellhom relazzjoni fl-2015, u wara ftit xhur harget tqila bit-tifla, li twieldet fil-15 taì Dicembru tal-istess sena. Hi kienet tghix fìpost tal-Gvern mikri lilha, u l-konvenut gie jghix maghha. It-tifla twieldet bìkundizzjoni medika taht il-kura tal-Professur Massimo Abela. Minhabba fìdin il-kundizzjoni, l-attrici tghid li l-konvenut beda jwahhal fiha li t-tifla kellha din il-kundizzjoni, u beda jonqos bhala missier fil-konfront taì bintu. Meta beda jinqalaì l-glied minnu, l-attrici keccietu mid-dar.

L-attrici tghid li l-konvenut ftit li xejn kien involut fil-hajja tat-tifla. Kien jigi l-isptar biss biex jiffirma l-kunsens tieghu ghad-diversi interventi kirurgici tal-minuri. Anke meta l-minuri kellha tigi operata fi sptar gewwa Londra, lanqas biss mar jew sahansitra cempel biex jara kif inhi sejra. Il-kumplament tal-affidavit tal-attrici huwa mimli episodji ohra li jindikaw kemm fil-fatt il-konvenut kien assenti ghal kollox fil-hajja tal-minuri. Manteniment ghat-tifla qatt ma thallas minn ghandu.

Fl-atti tal-medjazzjoni msemmija w annessi maì dawn il-proceduri, l-attrici kienet ressqet prospett taì spejjez illi tinkorri fit-trobbija tal-minuri, li jinsabu elenkati fìrikors datat 12 taì April 2023. Ir-rikors baqaì mhux dekretat stante li l-medjazzjoni nghalqet ftit wara. Fìdan ir-rikors qed jintalab manteniment taì Å300 kull erbaì gimghat, u Å100 bhala sehemu mill-ispejjez taì sahha w edukazzjoni. Flimkien mar-rikors kienu gew esebiti diversi ricevuti tal-ispejjez illi l-attrici tinkorri regolarment fit-trobbija tat-tifla.

Illi ghalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet kollha attrici huma ben gustifikati u ghandhom jigu milqugha. Ma giet prodotta ebda prova ohra dwar id-dhul li tippercepixxi l-attrici, u lanqas dak li jaqlaì l-konvenut, u ghalhekk il-likwidazzjoni tal-manteniment u tal-arretrati ser ikun xi ftit jew wisq *arbitrio boni viri.* L-attrici qed titlob manteniment sa minn tlitt snin qabel ma nfethet il-medjazzjoni, li kienet bdiet fìNovembru 2022. Ghalhekk l-arretrati ghandhom jigu komposti sa minn Novembru 2019, u cioeì erbaì snin u tlitt xhur.

Il-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont tal-bzonnijiet medici tal-minuri, il-manteniment ghandu jkun taì Å350 fix-xahar, inkluz nofs l-ispejjez taì sahha w edukazzjoni. **Ghalhekk l-arretrati ghal 51 xahar jammontaw ghal Å17,850.**

Hija tassew hasra u taì ghajb li l-konvenut abdika ghal kollox mir-responsabbilitajiet tieghu bhala missier taì tifla dizabbli, u halla dan il-piz kollu tat-trobbija taghha fìidejn l-omm. Il-Qorti ma tistaì qatt tippremja lil xi hadd li jahrab minn dan id-dover, anzi ghandha tassigura kemm jistaì jkun li dan in-

nuqqas hekk lampanti jigi indirizzat bl-ahjar mod possibbli. Huwa fid-dawl taì dan kollu li qed tinghata din is-sentenza.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

TILQAì T-TALBIET ATTRICI.

1. Tafda u takkorda l-kura u l-kustdoja tal-minuri ZAG fiidejn ir-rikorrenti omm bìmod eskulssiv, bìtali mod illi kwalsiasi decizjoni rigwardanti sahha, edukazzjoni, religjon, trobbija, safar tal-minuri u bìmod generali kull decizjoni ohra rigwardanti l-imsemmija minuri sia ordinjarja kif ukoll starordinarja ghandha tittiehed mir-rikorrenti ommha MC wehedha minghajr il-bzonn tal-firma jew kunsens tal-awtorizazzjoni tal-intimat u dan fl-ahjar interess tal-minuri;

2. Tordna illi r-residenza ordinajra u abitwali tal-minuri ZAG , ghandha tkun maì ommha ir-rikorrenti MC gewwa Malta almenu sakemm l-istess minnuri taghlaq l-etaì taì tmintax -il sena;

3. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex wehida tapplika u tottjeni l-hrug taì passaport ghal-minuri ZAG u dana minghajr ma jkollha bzonn il-firma

u/jew il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-intimat u minghajr htiega taì awtorizazzjoni mill-Qorti kompetenti;

4. Tiffissa u tillikwida ammont taì manteniment fis-somma taì Å350 fix-xahar, li ghandu jithallas mill-intimat ghal-minuri ZAG u tordna ukoll illi l-ispejjez tas-sahha u l-edukazzjoni ghandhom jigi inkorporati fil-manteniment li jithallas kull xahar, liema manteniment u spejjez jibqghu hekk pagabbli ívita duranteì sakemm l-imsemmija minuri tkun indipendenti li tahdem anke wara l-etaì taì tmintax-il sena minhabba fid-dizabilitaì taghha;

   Dan il-manteniment ghandu joghla kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

5. Tordna li dan l-manteniment hekk ordnat jigi mnaqqas direttament mis-salarju jew qliegh tal-intimat mill-impjieg jew xoghol jew kwalunkwe beneficcju li jkun qed jippercepixxi l-intimat u jigi depozitati fikont bankarju indikat mir-rikorrenti;

6. Tordna lill-intimat jhallas dan il-manteniment u semhu mill-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni hekk likwidata;

7. Tordna li kwalsiasi beneficcju tal-istat pagabbli ghall-minuri ZAG ghandu jkun percepit esklussivament mir-rikorrenti MC;

8. Tiddikjara lil-intimat ghandu jhallas l-arretrati taì manteniment ghall tlett snin minn qabel ma infethet il-medjazzjoni, liema arretrati jammontaw ghal Å17,850 kif fuq spjegat;

**L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Imhallef**

**Onor. Anthony G Vella**

**Cettina Gauci ó DEP REG**